**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**28TT/17**

**Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tmienja w ghoxrin laqgħa tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier

Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sur Cleaven Bugeja---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier

Prezenti sabiex jindirizza l-Kunsill, Perit Stephen Farrugia.

**AGENDA .**

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-6 ta' Jannar,

2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011). Dawn il-minuti ittiehdu bhala moqrija. Saru l-korrezjoni tal-minuti tal-laqgha li saret fil 15 ta' Dicembru, 2010.

3. Affarijiet li tqajmu mill-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011). Il-laqgha diga bdiet tiddiskuti l-affarijiet li tqajmu mill-minuti tal-laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010.

4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

5. Kunsill Lokali Zaghzagh - Din it-tema diga giet kunsidrata u ezawrita wara sospensjoni ta' l-agenda.

6. Aggornament

**1. Talba u Bidu tal-laqgha**

Il-laqgha bdiet fis-6.25pm wara talba qasira mis-Sindku, Kunsllieri u dawk kollha prezenti.

**2. Sospenzjoni ta' l-Agenda**

Mal-ftuh tal-laqgha s-Sindku ippropona sospenzjoni ta' l-Agenda peress li kien hemm il-htiega li l-Perit Stephen Farrugia jindirizza l-Kunsill dwar materja u progetti li dwarhom il-Kunsill kien miexi u wasal li jwettaq.

Il-Kunsill qabel li ssir sospenzjoni ta' l-Agenda kif propost.

**3. Progett ta resurfacing ta toroq gewwa Santa Venera that l-iskema tal Public Private Partnership (PPP).**

Is-Sindku spjega kif sar hafna xoghol ta' amministrazjoni u saru laqghat ma stakeholders dwar dan il-progett.

Is-Sindku qal li l-akbar ostaklu huwa t-talba ta madwar €70,000 kif mitlub mill-Water Services Corporation (WSC) dwar xoghol ta mains tal-ilma f'dawn it-toroq u peress li l-Kunsill jinsab f'qaghda finanzjarja difficli ma jistax ihallas din is-somma.

Saret diskusjoni dwar il-possibilita jekk il-Kunsill isib mezz li jibda xi toroq fejn ma hemmx htiega li jinbidlu l-mains.

Is-Sindku informa l-Kunsill illi wara intervent tal-Kunsill fejn gharraf lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li dan il-progett qed jigi mfixkel peress li hemm it-talba tal-WSC ta €70, 000, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali weighed li johrog terz ta din is-somma wara li l-Kunsill ikun wera b'ircevti li dawn il-flus ikunu thallsu mill-Kunsill.

Is-Sindku spjega li kull decizjoni tal-Kunsill hija soggetta ghall-approvazjoni finali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u ghalhekk hemm il-htiega urgenti li ssir laqgha ma l-ghola awtorita tal-Water Services Corporation sabiex tigi dikussa t-talba tal-WSC bil-ghan li jinstab mezz dwar kif t-talba tal WSC jew tigi irtirata kompletament jew li jsir "set off" fuq perjodu ta' snin b'mod li l-effett finanzjarju fuq il-fondi tal-Kunsill jigi newtralizzat.

Il-Kunsill qabel li jitlob laqgha urgenti mac-Cermen tal-WSC u jinforma dwar dan lid-Dipartiment tal Gvern Lokali kif ikun mehtieg.

**4. Progett ta' Arkata ta Wignacourt fuq ir-roundabout fit-tarf ta Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera faccata tal-Head Office tal-Bank of Valletta.**

Is-Sindku ta' harsa dwar kif sa ftit zmien ilu bdew isiru laqghat mas-Sindku ta Birkirkara u dwar kif huwa kien qed ihoss illi dan il-progett huwa tal-Kunsill ta' Santa Venera.

Is-Sindku fakkar ukoll li l-Kunsill kien qabel li l-Perit Stephen Farrugia jirraprezenta l-Kunsill waqt laqgha mal-MEPA dwar dan il-progett li fih jinkludi l-kommitment tal-Bank of Valletta li johrog Lm50, 000 (Hamsin Elf Lira Maltija kif kien imwieghed mill-Bank of Valletta u maqbul mal-MEPA mall-hrug tal-permess dwar il-binja tal-Bank of Valletta.

Is-Sindku qal li dan l-ahhar, huwa flimkien mal-Perit Stephen Farrugia kellu laqgha mac-Chief Executive Officer tal-Bank of Valletta s-Sur Tonio Debasquale bil-ghan li jassigura li dawn il-fondi ta Lm 50,000 ma jintilfux u b'hekk jigi mwettaq il-progett.

Is-Sindku qal li waqt dan il-meeting mal-Bank of Valletta bdew hergin certu fatti li komplew ihegguh sabiex il-Kunsill Lokali ta Santa Venera jiehu passi dwar it-twettiq ta dan il-progett sabiex jigu utilizzati l-fondi ta Lm50,000 kif imwieghda mill-Bank of Valletta.

Saret diskusjoni dwar li peress l-inkonvenjent kien waqt il-bini tal-Bank kif ukoll fi zmien prezenti huma n-nies ta Santa Venera li qed isofru minn inkonvenjenti kbar u ma hemm xejn fuq in-naha ta' Birkirkara.

Is-Sur Stephen Sultana qajjem il-punt li l-Kunsill ta Birkirkara qatt ma kellu jidhol f'din il-materja peress li kienu n-nies ta Santa Venera li sofrew bill bini tal-Bank of Valletta fil-konfini ta' Santa Venera.

F'dan l-istadju s-Sindku qal li hemm teddida legali li l-Bank of Valletta ma jibqax izjed obligat li jonoraw dan l-obligu dwar il-pagament ta Lm50,000.

Il-perit Stephen Farrugia fakkar li l-progett kif originalment kontemplat kien sejjer jiswa wisq izjed minn Lm50,000. Il-perit qal li fil-prezent flok replica tal-bieb ta Wignacourt tista' ssir proposta ta' artistic representation li xorta thaddan fiha l-impresjoni li jixtieq jaghti l-Kunsill ta Santa Venera u din tista' tkun fattibli fl-ammont ta Lm50,000.

Il-Perit Stephen Farrugia qal li jista' ikun hemm konkors dwar artistic representation li meta tara din l-impression wiehed jahseb fl-Akwidott.

Saret diskusjoni dwar xi jrid jaghmel il-Kunsill – bieb storiku jew artistic representation. Qam ukoll il-punt li bieb fuq ir-roundabout jista' johloq ostaklu ghat-traffiku qawwi li jaghddi minn dawn l-inhawi.

Waqt dan l-istadju intervjena s-Sur Ronald Briffa li qal li filwaqt mhux sejjer jibdel il-fehma tieghu dwar dak li kien maqbul qabel u dwar l-involviment tal-Kunsill ta' Birkirkara, huwa qal li sa zmien ilu t-Transport Malta (dak iz-zmien l-ADT) kienet iddikjarat li mhux sejjer ikun hemm problema dwar it-ttraffiku jekk il-bieb jinbena fuq ir-roundabout.

Il-perit fakkar li f'applikazjoni antika mill MEPA kienet issemmiet "an exact replica"

Qamet diskusjoni: Dan il-Kunsill irid li l-Kunsill ta' Birkirkara ikun mal-Kunsill ta Santa Venera fuq dan il-progett.

Is-Sur Ronald Briffa qal li fl-Lulju, 2010 il-Kunsill ta' Santa Venera kien ha decizjoni li jahdem mal-Kunsill ta' Birkirkara peress li l-Kunsill ta Birkirkara kien diga beda jahdem fuq dan il-progett.

Is-Sindku qal li kien huwa stess li stqarr quddiem ic-Cerman tal-MEPA Sur Walker li qal illi jekk il-Kunsill ta' Birkirkara kien qed itawwal kien sejjer ikun huwa bhala Sindku ta Santa Venera li sejjer jiehu dan il-progett f'idejh.

Saret diskusjoni jekk fil-fatt hemmx applikazjoni pendenti quddiem il-MEPA.

Il-Perit Stephen Farrugia spjega li meta wiehed jircievi refusal notice mill-MEPA ma jistaqsiex jekk kienx hemm applikazjoni pendenti quddiem il-MEPA u ghalkem kien sejjer jiccekja dan, primia facie jidher li ma hemmx applikazjoni pendenti.

Is-Sur Stephen Sultana insista li x-xoghol u l-progett tal-Bank of Valletta sar gewwa l-konfini ta Santa Venera l-Kunsill ta Birkirkara qatt ma kellu jidhol bl-ebda progett fil-konfini ta' Santa Venera.

F'dan l-istadju s-Sindku ippropona li peress li il-progett huwa progett gewwa l-konfini ta' Santa Venera sejjer ikun il-Kunsill ta Santa Venera li jmexxi wahdu dwar dan il-progett.

Is-Sur Stephen Sultana issekonda din il-proposta.

Il-proposta ghaddiet ghal vot.

Favur: Horace J. Anastasi, Stephen Sultana, Mariella Micallef

Kontra - Hadd

Is-Sur Ronald Briffa ma vvutax.

Il-proposta ghaddiet. Il-Kunsill qabel illi l-Agent Segretarju Ezekuttiv jinforma b'din id-decizjoni lill partijiet koncernati.

Is-Sur Ronald Briffa qam u halla l-laqgha fis-7.02pm.

Peress li ma kienx hemm kworum il-laqgha waqfet (wara li s-Sur Ronald Briffa halla l-laqgha) u ma kienx hemm data ghall aggornament.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa<br>Agent Segretarju Ezekuttiv | Horace J. Anastasi<br>Sindku |